MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 735/1991/3

**Brian Valenzia bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Arva Insurance Agency Ltd u dina in rapprezentanza tas-socjeta` estera Maritime Insurance Company Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghhom Cans Industries Limited abbasi tal-ligi u tal-Polza ta' Assiugrazzjoni**

**Vs**

**Godwin Abela ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur *nomine* b'rizultat tal-Polza ta' Assigurazzjoni kkompensa lill-assigurat tieghu s-socjeta`

Cans Industries Limited tat telfa li hija garrbet fis-somma ta' Lm977.50 u per konsegwenza gew surrogati fid-drittijiet tieghu kontra l-konvenut *nomine* meta l-merkanzija li huwa gab fuq il-vapur Tiha f'Malta fid-29 ta' Gunju 1990 giet lilu konsenjata danneggjata;

Premess illi waqt li l-merkanzija ta' l-assigurat ta' l-attur *nomine* kienet f'idejn u that il-kura u l-kustodja tal-konvenut *nomine* din garrbet hsarat li ghalihom huwa responsabbli bhala l-persuna li trid tghaddi l-merkanzija lill-konsenjatarju fl-istess kondizzjoni li huwa ikun irceviha minghand il-vapur;

Premess illi skond il-*joint tally sheets* rigwardanti din l-merkanzija, din giet skarikata maggorment fi stat tajjeb minn fuq il-vapur, ad eccetto ta' parti minnha li l-attur *nomine* biqbil mas-*surveyor* tal-vapur iffissa li l-hsara riportata ma teccedix is-somma ta' Lm231.60 pero` il-parti l-ohra giet konsenjata bil-hsarat lill-assigurat ta' l-attur;

Premess illi ai termini tal-polza ta' l-assigurazzjoni ezistenti bejn l-attur u l-assigurat tieghu l-attur *nomine* kellu jindennizza lill-assigurat tieghu tal-hsarat u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assigurat;

Premess illi l-konvenut *nomine* interpellat sabiex jindennizza lill-attur *nomine* tas-somma fuq imsemmija huwa baqa' inadempjenti;

Premess illi l-attur *nomine* jikkwantifika l-hsara riportata fil-merkanzija ta' l-assigurat tieghu, b'tort tal-konvenut fl-ammont ta' Lm745.90, inkluz f'din il-figura s-somma ta' Lm35 imhallsa bhala *survey fees*;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut *nomine* unikament responsabbli ghall-hsarat kagjonati fil-merkanzija ta' l-assigurat ta' l-attur li waslu Malta fuq il-vapur Tiha fid-29 ta' Gunju 1990;

2. Tillikwida id-danni sofferti mill-assigurat ta’ l-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur *nomine* fis-somma ta’ Lm745.90;

3. Tikkundanna lill-istess konvenut *nomine* ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm745.90 bhala d-danni sofferti mill-attur *nomine* li ghalihom huwa responsabbli l-konvenut *nomine* – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-imghax legali mid-data tal-pagament mill-attur *nomine* lill-assigurat tieghu u cioe` fis-17 ta’ Jannar 1991 u bl-ispejjez kontra l-konvenut *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine*, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela *nomine* illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez stnate lijirrizulta fil-*Joint tally* numru 37901 lil-merkanzija minn fuq il-vapur “TIHA” giet sbarkata bil-hsara u bin-nieqes u meta merkanzija tigi sbarkata f’pakki difettusa ma titqiesx li tkun saret konsenja ta’ l-oggetti lis-Superintendent jew lill-Kuntrattur ai termini ta’ l-Artikolu 86 ta’ l-Ordinanza ta’ l-1966 dwar il-Portijiet;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tad-19 ta’ Novembru 1991 li permezz tieghu gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia biex jigbor il-provi;

Rat in-noti pprezentati mill-abbli difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din il-kawza titratta minn pretensjoni ghad-danni f'merkanzija konsistenti f'rombli ta' *tissue paper* importata fid-29 ta' Gunju 1990 permezz tal-vapur "TIHA";

Mill-mod kif koncepita l-eccezzjoni ma jidhirx li jista' jkun dubitat li effettivament il-merkanzija in ezami, jew parti minnha garrbet hsarat. Fil-fatt is-socjeta` konvenuta tillimita ruhha ghad-difiza illi hi ma tistax tigi ritenuta responsabbli billi hi rcevietha fi stat difettuz;

Dak li allura jinteressa ghal fini tar-rizoluzzjoni tal-kaz huwa li jigi stabbilit min fost id-diversi possessuri tal-merkanzija, mill-punt tal-tluq taghha wara li giet imbarkata sal-punt tal-konsenja taghha lir-ricevitur, kien effettivament fi dmir li jikkustodiha u jassikura li ma jigrilhiex hsarat, kif hekk fil-fatt sehh;

Mill-polza tal-kariku (fol. 27) jirrizulta li fuq il-bastiment suppost tghabbew 56 *Reels White, woodfree, Bleached Tissue.* Jirrizulta ukoll mir-rimarka apportata fuq l-istess polza ili din il-merkanzija tghabbiet "CLEAN ON BOARD". Li jfisser illi l-vapur kellu l-obbligu li jiskarika l-merce fl-istess kundizzjoni tajba ("**Wilfred Mamo noe et -vs- Paul Mifsud et noe**", Appell Kummercjali, 5 ta' Gunju 1987). Mhux hekk biss pero` imma wkoll li jiskarika l-istess numru ta' rombli precizati fuq il-polza;

Issa minn dak stabbilit mit-*tally* tal-merkanzija (fol.10) meta din giet mahtuta f'Malta jirrizulta li effettivament gew maghduda li tnizzlu erbgha u hamsin (54) romblu u mhux sitta u hamsin (56) kif manifest fuq il-polza;

Jirrizulta wkoll mill-istess *tally* li disgha (9) rombli, u mhux hamsa (5) kif hekk zbaljatament jinsab dikjarat fis-*survey report* (fol. 24), tnizzlu fi stat danneggjat;

Wiehed ma jridx jinsa li t-*tally* kien wiehed *joint* u debitament iffirmat mit-*tally clerk* inkarigat mill-agent tal-vapur, f'dan il-kaz Herbert Naudi (fol. 46) li kkonferma l-firma tieghu, u mit-*tally clerk* tal-Cargo Handling Company Limited fil-persuna ta' Joseph Spiteri, skond kif affermat mix-xhud precedenti;

Dan iwassal ghal din il-konsiderazzjoni. Jekk kif inghad fid-decizjoni "**Wilfred Mamo et noe -vs- James Gollcher et noe et**", Appell Kummercjali, 1 ta' Marzu 1989, segwita f'bosta decizjonijiet ohra, il-*joint tally* tipprezumi r-responsabilita tar-rapprezentant tal-Cargo Handling jekk dan ma jindikax f'dak il-mument u fuq l-istess *tally* l-ezistenza tal-hsara jew tan-nuqqas, daqstant iehor ghandu jigi prezunt illi bil-fatt li fuq it-*tally* ir-rapprezentant ta' l-agent tal-vapur jissenjala taht il-firma tieghu l-fatt tal-hsara, huwa qed jirrikonoxxi li l-hsara fil-fatt kien hemm fil-mument tal-konsenja mill-vapur u li dan ghandu jwiegeb ghaliha. Il-vapur pero` ma giex citat f'din il-kawza;

Dan ifisser illi minn erbgha u hamsin (54) romblu, disgha (9) minnhom ghaddew fil-kustodja tas-socjeta` konvenuta fi stat danneggjat;

Eppure minn provi ohra, senjatament il-*Gate Passes Out* a fol 28 u 29, jirrizulta illi fil-mument tar-rilaxx taghhom lill-importatur kien hemm tmintax (18) ir-romblu li kienu danneggjai jew *slightly damaged*. Dan hu sahansitra rikonoxxut minn Emanuel Dimech (fol. 33),rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, fid-deposizzjoni tieghu;

Kemm it-*tally sheet* kif ukoll il-*Gate Pass Out* huma dokumenti importanti ghax, sakemm ma tkunx attakkata l-awtenticita` taghhom, jaghmlu prova attendibbli f'mument importanti meta l-merkanzija tkun qed titrapassa minn possessur wiehed ghand l-iehor;

Biex wiehed ikompli ghalhekk isegwi l-*iter* tal-merkanzija l-*Gate Pass Out*, iffirmata ukoll mill-konsenjatarju jew l-agent tieghu, tistabbilixxi li mill-partita kollha tmintax (18) minnhom kienu danneggjati. Dan in-numru presumbilment jinkludi fih id-disgha (9) rombli li s-socjeta` konvenuta rceviet f'dak l-istess stat danneggjat minghand il-vapur;

Ciononostante is-*survey report* (fol. 24) jirreferi ghal ghoxrin (20) romblu bil-hsarat u mhux tmintax (18). Dan is-*survey* gie kondott fil-mahzen tar-ricevitur u mhux fil-mument meta r-rombli kienu ghadhom fil-pussess tas-socjeta` konvenuta. Ghal dak li jinghad fih dan is-*survey* ma jinsabx korroborat mid-dokumenti portwali esebiti u fuq surreferiti u allura ma jkunx sew, fic-cirkostanzi partikolari, illi l-Qorti taccetta dan ir-rapport u tiskarta l-prova, li ghalkemm *juris tantum*, joholqu d-dokumenti msemmija ghal dik li hi korrettezza tal-kontenut taghhom. Una volta dawn qed jigu accettati bhala prova ta' dak li jghidu fihom ifisser li s-socjeta` konvenuta trid tirrispondi ghal hsara f'disa' (9) rombli u mhux tmintax (18) u lanqas ghoxrin (20);

Ghal dawk li huma danni din il-Qorti qed taghmel dan l-ezercizzju bhala kalkolu bazat fuq disa' (9) "*reels*";

Skond il-polza tal-kariku 56 *reels* jikkorrispondu ghal piz ta' 19.956 kgs gross weight. Jekk tirreduci dan n-numru ta' *reels* bi tnejn, gjaladarba kif muri gew skarikati 54 *reels*, il-piz totali jonqos ghal 19.243 kgs. Disa' (9) *reels* jikkorrispondu ghal 3207 kgs jew 356.35 kgs kull *reel*;

Jekk imbaghad wiehed jaddota l-indikaturi tat-tabella tas-*surveyor*, bil-varjanti ta' l-'arbitriju' li fic-cirkostanzi jidher konsonu li jkun adottat, il-posizzjoni li temergi hi kif gej:-

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2 | Reels @ 50% damages - | 356.35 | |
| 3 | Reels @ 30% damages - | 320.71 | |
| 4 | Reels @ 25% damages - | 356.35 | |
| 9 | Reels | 1033.41 | Kgs |

Skond l-'*Invoice value*' (fol. 26) kull kilogram kien prezzat 1.25 dollari Amerikani li jfisser total ta' 1291.76 dollari Amerikani ghal 1033.41 kilogrammi. Fl-ahjar ipotesi ghas-socjeta` attrici dan jittraduci ruhu ghas-somma f'valuta Maltija ta' hames mija u sittax-il lira Maltija u sebghin centezmu (Lm516.70,0).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi ssib lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghall-hsarat kagjonati f'disa' (9) minn erbgha u hamsin (54) *reel white woodfree bleached tissue paper* importata f'Malta fid-29 ta' Gunju 1990 permezz tal-bastiment "TIHA";

Tilqa' t-Tieni Talba b'dan li qed tillikwida d-danni fl-ammont ta' hames mija u sittax-il lira Maltija, u sebghin centezmu (Lm516.70,0);

Tilqa' it-Tielet Domanda billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici assiguratrici l-ammont fuq likwidat in linea ta' danni.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati kwantu ghal terz (1/3) mill-attur *nomine* u zewg terzi (2/3) mill-konvenut *nomine*.

--------------------------------TMIEM--------------------------------